**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 6 ta' Frar 2019**

**Rikors Numru : 273/2018 JPG**

**Kawza Numru : 22**

**SB**

**Vs**

**LB**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' SB, datat 24 ta' Ottubru 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-kontendenti iżżewġu nhar il-ħamsa u għoxrin ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (25.03.2017); u għandhom tlett ulied minuri, AB li twieled nhar it-tnejn ta' Marzu tas-sena elfejn u hmistax (02.03.2015), Sh B li twieldet nhar it-tnejn ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (02.07.2016), u MB li twieled nhar it-tnejn ta' Awwissu tas-sena elfejn u sbatax (07.08.2017) – (ara kopja taċ-Ċertifikat taż-Żwieġ u taċ-Ċertifikati tat-Twelied hawn annessi u mmarkati bħala Dok A sa Dok D rispettivament);*

2. *Illi l-ħajja konjugali ta' bejn il-partijiet ma baqgħetx aktar possibbli minħabba abbuż, vjolenza, eċċessi, minaċċji, sevizzi, theddid u offiżi gravi, fost affarijiet oħra, validi fil-Liġi li rrendew il-ħajja konjugali impossibbli u li jagħtu lok għas-separazzjoni personali skont il-Liġi, bi ħtija imputabbli unikament lill-konvenut;*

3. *Illi l-konvenut huwa bniedem kontrolluż u vjolenti emozzjonalment, fiżikament u finanzjarjament fil-konfront tal-esponenti, liema aġir ġie kommess fil-presenza tal-minuri tant illi ġew involuti kemm il-pulizija u anke l-ħaddiema soċjali tal-Aġenzija Appoġġ kemm mid-Dipartiment taċ-Child Protection Services kif ukoll mid-Dipartiment tad-Domestic Violence Unit;*

4. *Illi għalhekk, hija ġiet kemm-il darba kostretta tipproċedi fil-konfront tiegħu billi intavolat rikors urġenti sabiex jiġu regolati dak kollu li jaspetta l-minuri kif ukoll sabiex il-konvenut jiġi ordnat jivvaka d-dar matrimonjali għas-sigurtà tagħha u tal-minuri;*

5. *Illi in oltre, peress li sal-lum il-ġurnata l-konvenut baqa' jinsisti li ma jridx jasal għal ftehiem bonarju u lanqas ikkopera dwar dak kollu li jaspetta l-minuri, hija ġiet debitament awtorizzata sabiex tipproċedi f'din l-istanza permezz ta' digriet mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti datat 17 ta' Settembru 2018 (ara Dok. E);*

6. *Il-fatti hawn dikjarati tafhom hi personalment;*

*Jgħid għalhekk il-konvenut, għalfejn dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:*

1. *Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti odjerni għar-raġunijiet gravi u tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenut fosthom vjolenza, theddid, inġurji gravi, sevizzi u minaċċji li r-rendew il-ħajja matrimonjali tal-partijiet impossibbli tant li l-esponenti kellha titlob l-għajnuna tal-pulizija u tal-ħaddiema soċjali tal-Aġenzija Appoġġ;*

2. *Tafda l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri A, Sh u M aħwa B f'idejn l-esponenti; u sabiex tieħu kwalunkwe deċiżjonijiet relatati mal-ħruġ tal-passaporti, mas-safar, mas-saħħa u mal-edukazzjoni tal-imsemmija minuri, u dan kif jiġi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti;*

3. *Tordna li l-imsemmija minuri jirrisjedu esklussivament mal-esponenti;*

4. Tiffissa u tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li għandu jiġi pagabbli mill-konvenut għall-attriċi u għat-tlett ulied minuri tal-partijiet, u jibqa' hekk pagabbli sakemm l-imsemmija minuri jagħlqu l-età ta' tmintax (18)-il sena jekk jieqfu mill-iskola u jibdew jaħdmu bi qliegħ jew sa tlieta u għoxrin (23) sena jekk il-minuri jiddeċidu li jibqgħu jistudjaw kemm part-time kif ukoll full-time; kif ukoll tordna illi dawn l-alimenti jiġu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegħ tal-konvenut, mill-impjieg jew xogħol, jew kwalunkwe benefiċċju li qed jipperċepixxi l-konvenut, u jiġu depożitati f'kont bankarju indikat mill-esponenti; u tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment għandu jiġi rivedut u jawmenta kull sena sabiex jirrifletti ż-żieda fl-għoli tal-ħajja;

5. Tordna lill-konvenut sabiex iħallas l-ispejjeż kollha ta' saħħa u edukazzjoni tal-minuri sakemm ikunu għadhom qed jistudjaw; inkluż, u mhux limitatament, uniformijiet, transport, donations, privatijiet u kwalunkwe spejjeż oħra relatati mal-edukazzjoni, inkluż spejjeż relatati ma' attivitajiet extra-kurrikulari;

6. Tagħti dawk il-provedimenti xierqa u opportuni li jikkonċernaw lill-minuri A, Sh u M aħwa B, fosthom, iżda mhux limitatament, dwar kif għandu jiġi regolat is-safar u l-ħruġ tal-passaport tal-minuri, b'dan illi l-passaport għandu jinżammu mill-esponenti; kif ukoll dwar l-attendenza tal-minuri għall-iskola u attivitajiet familjari u edukattivi oħra u extra-kurrikulari, u dan taħt kull provediment xieraq u oppotun li jogħġobha tagħti din l-Onorabbli Qorti;

7. Tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jipperċepixxi manteniment mingħand l-esponenti;

8. Tiddikjara liema huma l-beni mobbli u immobbli dotali u/jew parafernali tal-attriċi hekk kif jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża filwaqt li tordna u tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attriċi tali beni dotali u/jew parafernali tagħha jew kwalunkwe kreditu ieħor, u dana fi żmien qasir u perentorju, li għandu jiġi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti.

9. Tappunta kuratur sabiex jirrappreżenta lill-konvenut fl-eventwali kontumaċja tiegħu fuq l-att ta' diviżjoni relattiva f'jum, ħin u post stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti;

10. *Tordna d-dekadenza tal-konvenut mill-jeddijiet konjugali kif maħsuba fl-Artikoli 48 et. seq. tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u tapplika kontrih interament jew in parte d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48, u 51 sa 55 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

11. *Tordna li l-esponenti u uliedhom A, Sh u M aħwa B jibqgħu jirresjedu waħedom fid-dar matrimonjali, li tinstab ġewwa Springfield Crt, Flat 4, Triq il-Qawra, San Pawl il-Baħar, ad eżkluzjoni tal-konvenut; b'dan illi l-esponenti tkun tista' tbiddel is-seratura tal-istess fond;*

12. *Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirreġistra fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti;*

*Bl-ispejjeż u imgħaxijiet kollha kontra l-konvenut, inkluz l-proċeduri ta' medjazzjoni u Mandati, li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata ta' LB, datata 21 ta' Novembru 2018, a fol 22 et seqq. li taqra hekk:

1. *Fl-ewwel lok, fil-mertu, riferibbilment ghall-ewwel talba attrici, il-konvenut jaqbel illi ghandha tigi ppronunzjata l-firda personali bejn il-kontendenti, izda dan mhux ghar-ragunijiet kif premessi mill-attrici izda ghal dawk illi ser jigu premessi mill-istanti fir-rikors guramentat rikonvenzjonali tieghu.*

2. *Fit-tieni lok, fil-mertu, riferibbilment ghat-tieni talba attrici, ma hemm ebda raguni fil-ligi 'l ghaliex il-konvenut ghandu jigi svestit mill-kustodja, mill-kura ordinarja ta' uliedu, u kif ukoll mit-tehid u/jew l-ghoti tal-kunsens appozitu rigwardanti decizjonijiet dwar hrug ta' passaporti tal-minorenni, safar tal-istess u decizjonijiet rigwardanti s-sahha, l-edukazzjoni u l-attivitajiet extra-kurrikular ta' uliedu.*

3. *Fit-tielet lok, fil-mertu, riferibbilment ghat-tielet talba attrici, din hija opposta in kwantu jkun aktar fl-interess suprem tal-minorenni li dawn jirrisjedu mal-esponenti.*

4. *Fir-raba' lok, fil-mertu riferibbilment ghar-raba' talba attrici, din hija ukoll opposta in vista tal-eccezzjoni precedenti' kemm-il darba tali tielet eccezzjoni tigi rigettata, u minghajr pregudizzju ghal din ir-raba' eccezzjoni, din it-talba tibqa' opposta f'dik il-parti taghha fejn din tikkoncerna lill-attrici proprop stante 'lli ma jikkonkorrux l-elementi legali, kif ahjar stabbiliti mill-gurisprudenza, sabiex din l-Onorabbli Qorti taddixxi ghal din it-talba u f'dik il-parti taghha li titratta d-deterazzjoni diretta mill-introjtu tal-konvenut. L-istanti dejjem ottempora ruhu mad-dispost tal-Art. 3B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

5. *Fil-hames lok, fil-mertu riferibbilment ghall-hames talba ttrici, ma hemm ebda raguni fil-ligi 'l ghaliex il-konvenut ghandu wahda jissupporta l-ispejjez hemm imsemmija.*

6. *Fis-sitt lok, fil-mertu riferibbilment ghas-sitt talba attrici, ghad li din it-talba hija ripetizzjoni tat-tieni talba attrici, tapplika bis-shih it-tieni eccezzjoni premessa.*

7. *Fis-seba' lok, fil-mertu, riferibbilment ghas-seba' talba attrici, din ghandha tigi michuda stante 'lli ma jikkonkorrux l-elementi legali ghall-aplikazzjoni tad-disposti tal-Art. 48 et sequitur tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-konvenut.*

8. *Fit-tmien lok, fil-mertu, riferibbilment ghat-tmien talba attrici, din ghandha tigi michuda in kwantu l-konvenut ma huwa fil-pussess ta' ebda beni dotali u/jew parafernali, sia mobbli u kif ukoll immobbli, u/jew krediti ta' jew spettanti lill-attrici.*

9. *Fid-disa' lok, fil-mertu, riferibbilment ghad-disa' talba attrici, din ukoll ghandha tigi michuda in kwantu l-attrici ma talbet ebda divizjoni.*

10. *Fl-ghaxar lok, fil-mertu, riferibbilment ghall-ghaxar talba attrici, ghad li din it-talba hija ripetizzjjoni tas-sitt talba attrici, tapplika bis-shih is-sitt eccezzjoni premessa.*

11. *Fil-hdax-il lok, fil-mertu, riferibbilment ghall-hdax-il talba, din ghandha tigi michuda stante li ma jikkonkorrux l-elementi previsti mil-Ligi u mill-gurisprudenza ghall-akkoljiment tal-istess partikolarment ghad li dan l-immobbli huwa proprjeta' parafernali tal-esponenti.*

12. *Fit-tnax-il lok, riferibbilment ghat-tnax-il talba attrici, din ma hijiex opposta.*

*Salv, occorrendo, eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra l-attrici illi hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni, u b'riserva ta' kull azzjoni spettanti lill-konvenut.*

Rat ir-rikors ta' LB ghal waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti datat 21 ta' Novembru, 2018, a fol 36, fejn intalab:

"

1. *okkorendo tappunta dan ir-rikors ghas-smiegh;*

2. *tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi B;*

3. *tiddikjara l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi B spiccuta mill-jum li l-eventwali sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti in materia tkun finali u konklussiva;*

4. *tordna li l-beni li jibqghu formanti l-komunjoni tal-akkwisti jinqasmu mas-sentenza finali ta' din l-Onorabbli Qorti fir-rispett tar-rikors guramentat odejrn;*

5. *tordna n-notifika tal-eventwali sentenza taghha lid-Direttur tar-Registru Pubbliku."*

Rat id-digriet taghha li bih ordnat lill-intimat ihallas il-kontijiet tad-dawl u ilma saz-zmien li huwa kien qed jabita fid-dar matrimonjali, u jhallas nofs il-kont tad-dawl u ilma pendente lite mid-data tat-tluq tieghu mid-dar matrimonjali 'il quddiem – vide digriet datat 5 ta' Dicembru 2018;

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija sentenza wara talba maghmula mill-intimat LB sabiex jigi ordnat il-waqfien tal-komujoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tiddikjara l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet terminata mill-jum li din is-sentenza tkun finali u konklussiva, u tordna li l-qasma tal-beni formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jinqasmu mas-sentenza finali li ghandha tigi moghtija fir-rigward ta-rikors guramentat permezz ta' liema qed tintlab is-separazzjoni personali tal-partijiet. Skont l-intimat, illum il-gurnata l-iskop tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet spicca ghal kollox u ghalhekk dan l-istat ta' fatt ghandu jigi legalment sancit permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti. L-intimat jippremetti wkoll illi ebda parti m'hi ser tbati l-pregudizzju kontemplat fl-artikolu 55(4) tal-Kodici Civili kemm il-darba jkollha jigi milqugha t-talba tieghu.

Minn naha taghha, ir-rikorrenti SB opponiet ghal din it-talba stante l-ewwel nett illi ghadhom lanqas biss bdew jingabru l-provi f'din il-kawza u ghalhekk, galadarba il-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti ghada ma gietx stabbilit, ir-rikorrenti ser tbati pregudizzju sporporzjonat jekk din il-Qorti tawtorizza l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti.

Skont is-subinciz (2) tal-istess artikolu, l-ordni tal-waqfien tal-komunjoni ghandha tinghata b'sentenza u skont is-subinciz (3) l-ordni tal-waqfien tkun tghodd minn meta s-sentenza tghaddi in gudikat.

Is-sub-inciz (4) tal-istess artikolu jipprovdi pero s-segwenti:

> ***"Qabel tordna il-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-Qorti ghandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati pregudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda".***

Skont s-sub-inciz (6) tal-istess artikolu, meta l-Qorti fid-diskrezzjoni taghha ma tkunx ordnat il-waqfien tal-komunjoni fil-bidu tal-kawza tal-firda, dan ghandha taghmlu mill-jum li s-sentenza tal-firda tkun finali u konklusiva.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Dr X T pro et noe vs Dr Y R** deciza minn din il-Qorti diversament

presjeduta fis-26 ta’ Gunju 2018 intqal illi:

> "***Il-Qorti hasbet fit-tul fir-rigward u hija tal-fehma, naturalment bla pregudizzju ghall-pretensjonijiet reciproci tal-partijiet, illi fl-eventwalita' li tali talba tigi akkolta f'dan l-istadju u eventwalment fis-sentenza finali jirrizulta li l-allegazzjoni tal-attrici fir-rigward hija fondata, hemm ir-riskju illi fil-frattemp il-konvenut, wara li jkun ottjena x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti pendente lite, juza l-allegati fondi mohbija tal-komunjoni u jakkwista proprjeta' parafernali fl-esteru li l-attrici mhux biss ma jkollha l-ebda dritt dwarha izda jkun difficli ghaliha illi tirrintraccaha.***
>
> ***Fil-fehma tal-Qorti, wara li gharblet sew is-sottomissjonijiet rispettivi tal-partijiet fir-rigward qed tikkonkludi illi x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti f'dan l-istadju meta ghadu mhux stabbilit definittivament il-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti, jirreka pregudizzju mhux proporzjonat fuq l-attrici.***"

Il-Qorti taghraf illi f’dan il-kaz ukoll, ir-rikorrenti qed taghmel allegazzjonijiet fis-sens illi l-intimat kien qieghed jahbi minnha assi li suppost jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti, u jixtri proprjeta wahdu minkejja l-fatt li huma mizzewgin. Minghajr pregudizzju ghal dak li jista’ jirrizulta lill-Qorti fis-sentenza finali, hija l-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti, illi f’dan l-istadju, meta l-kawza ghadha kif bdiet u ghadhom ma tressqu ebda provi rigwardanti l-assi u djun tal-komunjoni tal-akkwisti, u fid-dawl tal-allegazzjoni maghmula mir-rikorrenti illi l-intimat huwa hati ta’ abbuz finanzjarju fil-konfront taghha, ma jkunx ghaqli illi tilqa’ t-talba tal-intimat u tawtorizza x-xoljiment ta’ komunjoni pendent lite.

Fir-rigward tal-argument tal-intimat illi r-rikorrent tista’ tirrikorri ghal proceduri tal-mandat kawtelatorju jekk hija thoss li tista’ tbati xi pregudizzju irrimedjabli, din il-Qorti taghraf li r-rikorrenti qed tallega illi l-intimat heba minnha, l-assi appartenti lil komujoni tal-akkwisti, u li ghalhekk m’ghandhiex stampa cara tal-assi kollha formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Il-Qorti ghalhekk tqis illi f’dawn ic-cirkostanzi ma jkunx ghaqli li tordna t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti f’dan l-istadju tal-proceduri.

Il-Qorti taghraf illi fid-dawl ta’ dana kollu, it-terminazzjoni ta’ komunjoni tal-akkwisti tarreka pregudizzju spoporzjonat fuq ir-rikorrent, u ghalhekk skond il-ligi, din it-terminazzjoni ma

ghandhiex tigi pronunzjata.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talbiet tal-intimat tar-rikors datat 21 ta' Novembru 2018 ghat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti qabel is-sentenza finali tal-firda tal-partijiet.**

**L-ispejjez ta' din is-sentenza in parte huma riservati ghall-gudizzju finali.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**